MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 411/2012

**"Cini (Tal-Mija) Limited" C7182**

**vs**

**D. Micallef & Son Import & Exxport Limited – C25809**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta' Attrici qed titlob minghand dik Konvenuta l-hlas ta' elf, seba' mija, hamsa u erbghin Ewro tlieta u erbghin centezmu (€1,745.43c) ghal merkanzija konsenjata bejn il-11 u t-30 ta' Jannar 2012.

B'RISPOSTA s-Socjeta' Konventa qalet:-

1. It-Talba hi nfondata fattwalment u legalment;
2. Il-valur pretiz mhux dovut u anqas hu korrett u dan ghaliex il-merkanzija ma kienetx konformi mal-ligi u l-kwalita' pattwita.

II PROVI

1. Dawn huma biss siltiet mill-provi li izda jitqiesu ma dak kollu mressaq quddiem it-TRIBUNAL u li jinsab fl-atti tal-kawza.

2. **Celestino Cini**, direttur tas-Socjeta' Attrici, qal li l-konsenja, li saret minnu stess, kienet ta' perzut tal-koxxa *arrosto* (Dok A u B *a fol* 39 u 40). Dawn id-dokumenti huma firmati minn Donald Micallef, missier Steve, li dejjem ikun fil-fond fejn isiru l-konsenji. Soltu dan ihallas *cash* imma f'din l-okkazjoni saret *delivery note* ghax kien hemm xi arretrati. Meta telefonati dwar hlas ma kellhomx risposta mar ghand il-klijent u sab lil Steve Micallef u dan semmielhom li kellhom xi problemi.

3. Semma li eventwalment qamet il-kwistjoni dwar il-kwalita' tal-prodotti u fir-rigward esebixxa ittra tas-Socjeta' Konvenuta, Dok C *a fol* 41 li l-kontenut taghha hu mportanti ghax tispecifika l-ilmenti (serji) da parti tal-klijenti tas-Socjeta' Konvenuta. Kien anke sar rapport lill-veterinarju Dr. Balbo, meta kien hemm ilment li l-prodott ghamel hazin lil xi tifel. Ikkonferma li s-Socjeta' Konvenuta rrifjutat thallas ghax skont hu x-xoghol ma kienx tajjeb ghall-konsum.

4. In kontro-ezami (ara *fol* 58/59) ta' aktar dettalji. Qal li ma kienx hemm *returns*. Tas-Sanita' ma kellmuhx. Anqas il-veterinarji. Ilu f'dal-mestier aktar minn 20 sena. Meta jkollhom *returns* imur jahraqhom fl-inceneratur.

5. **Stephen Micallef**, direttur tas-Socjeta' Konvenuta qal li jaghmlu *repacking* ta' oggetti minn barra u minn Malta. Kollox jinzamm f'*cold room*. Darba fix-xahar imorru t-tobba tal-biccerija u jsiru testijiet fil-laboratorju. Juzaw vannijiet tal-friza. Meta rcieva l-ilmenti dwar dak li kienet issupplixxiet is-Socjeta' Attrici gharraf lis-Sanita' (*email* fis-16/5/12) u mill-biccerija cemplulu biex ma jixtrix minghand is-Socjeta' Attrici ghax ma kellhomx permess – haga li ma kienx jaf. L-ghada cempillu Dr. Balbo.

6. Fix-xhieda hemm aktar dettalji u ssir riferenza ghalihom. Fir-rigward gew esebiti Dok SM sa SM 7 (tmienja kollox).

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Jigi rilevat li l-kontestazzjoni tas-Socjeta' Konvenuta hi li l-oggetti tal-ikel konsenjati kienu mhux tajba ghall-konsum. Hawn qed nitkellmu mis-sahha tal-bniedem – li hi xi haga serjissima.

2. Li l-konsenja saret, mhux kontestat bhalma mhux kontestat il-*quantum* li ma thallasx. Imma hemm haga ohra mhux kontestata: xejn mill-prodotti allegatament hziena ma gew ritornati lis-*supplier*.

3. Kif giet kontestata l-kawza, kien imiss li s-Socjeta' Konvenut tiprova l-allegazzjonijiet serjissimi taghha. Din izda, llimitat ruhha fix-xhieda tad-

direttur Stephen Micallef. Hu semma klijenti, tifel li hassu hazin bil-prodott kunsmat, lis-Sanita', lill-veterinarju Dr. Balbo ecc. Allura x'zammu lura milli jtellaghhom jixhdu? Anqas kien kaz ta' xi diffikulta' biex dawn jittellghu jixhdu.

4. Stephen Micallef ikkonferma bil-gurament l-awtenticita' ta' dawn id-dokumenti. Dan mhux bizzejjed ghax fejn jissemmew individwi jridu jkunu **huma** li jidhru l-Qorti u jesjponu ruhhom ghall-kontro-ezami.

5. **Stephen Micallef** qal li ntqalli li s-Socjeta' Attrici ma kellhiex permess ghal dak in-negozju. Ghalkemm din ma tikkostitwixxix xi prova determinanti, anqas hawn ma tressqet xi prova.

6. Aghar minn hekk hu fejn tidhol l-Awtorita' Sanitarja. Stephen Micallef qalilna li rrapporta lilha. Din x'ghamlet? Xejn? Hawn mhux bhal fil-kaz tal-permess. Hawn ix-xhieda hi ta' mportanza kbira. Aktar ma tkun serja l-haga aktar trid prova serja.

7. Mhux barra minn loku li jigi osservat li s-Socjeta' Konvenuta mhiex xi ndividwu ma jafx jindokra hwejjgu u ma jafx ihares drittijietu. Taf x'titlob il-ligi bhala prova.

8. Meta jqis kollox, it-TRIBUNAL, m'ghandux triq ohra hlief li jghid li s-Socjeta' Konvenuta ma ppruvatx, skond kif trid il-ligi, dak serjissimu li allegat.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' Konvenuta u jghaddi biex (2) **jilqa** t-Talba Attrici u **jikkundanna** lis-Socjeta' Konvenuta thallas lis-Socjeta' Attrici l-*quantum* mitlub ta' elf, seba' mija, hamsa u erbghin Ewro tlieta u erbghin centezmu (€1,745.43c) liema hlas ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum mill-lum, b'dana li f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-**lum stess** sal-jum tal-pagament effettiv u, fic-cirkostanzi (3) **jordna** u **jiddeciedi** li dwar spejjes din il-kawza tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------